

# Il-Ġurnal Ufficijali C 349 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Volum 62

## Informazzjoni u Avviżi

15 ta' Ottubru 2019

Werrej

### II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 349/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9405 — CPF/Itochu/HyLife) (¹)	1
---------------	-------------------------------------------------------------------------------------------	---

### IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### il-Kunsill

2019/C 349/02	Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1721, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686, kif implimentat bir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1717 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħħom .....	2
---------------	---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	---

2019/C 349/03	Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħħom .....	3
---------------	------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	---

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 349/04	Rata tal-kambju tal-euro — L-14 ta' Ottubru 2019 .....	4
---------------	--------------------------------------------------------	---

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2019/C 349/05	Avviż ta' informazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità Modifika tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru skedati (¹) .....	5
---------------	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	---

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



2019/C 349/06	Avviż ta' informazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tal-ajru skedati skont l-obbligi tas-servizz pubbliku (¹) .....	6
2019/C 349/07	Avviż ta' informazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tal-ajru skedati skont l-obbligi tas-servizz pubbliku (¹) .....	7
2019/C 349/08	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità L-istabbiliment ta' obbligi tas-servizz pubbliku rigward is-servizzi tal-ajru skedati (¹) .....	8

---

V Avviżi

#### PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2019/C 349/09	SEJĦA GĦAL PROPOSTI – EACEA 33/2019 TAĦT IL-PROGRAMM Erasmus+ KA3 – Appoġġ għar-Riforma Politika Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali .....	9
---------------	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	---

---

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJET MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

(Il-Każ M.9405 — CPF/Itochu/HyLife)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 349/01)

Fid-9 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fihi. Dan it-test jinstab:

- fit-taqSIMA tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovd diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħiġ in-numru 32019M9405. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

---

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA****IL-KUNSILL**

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1721, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686, kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1717 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impiżi u entitajiet assoċjati magħhom**

(2019/C 349/02)

L-informazzjoni li ġeja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 (¹), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1721 (²), u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 (³), kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1717 (⁴) dwar miżuri restrittivi diretti kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, gruppi, impiżi u entitajiet assoċjati magħhom.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni għandhom jiġu inklużi fuq il-lista ta' persuni, gruppi, impiżi u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif elenkti fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2016/1686 sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżi jitużaw għal ħtiġijet essenzjali jew ħlasijiet spċifici skont l-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba biex jiksbu d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill għaliex ġew inklużi fil-lista msemmija hawn fuq. Din it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union  
General Secretariat  
RELEX.1.C  
Rue de la Loi/Wetstraat 175  
1048 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

Email: sanctions@consilium.europa.eu

Il-persuni kkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' appoġġ, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-lista tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz ipprovdu hawn fuq. F'dan ir-riġiward, qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għar-rieżami regolari tal-lista mill-Kunsill skont l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2016/1686. Sabiex it-talbiet jiġu kkunsidrati fir-rieżami li jmiss, dawn għandhom jiġu ppreżentati sal-31 ta' Lulju 2020.

L-attenzjoni tal-persuni kkonċernati qed tinġibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw d-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠUL 255, 21.9.2016, p. 25.

(²) ĠUL 262, 15.10.2019, p. 64.

(³) ĠUL 255, 21.9.2016, p. 1.

(⁴) ĠUL 262, 15.10.2019, p. 11.

**Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom**

(2019/C 349/03)

L-attenzjoni tas-suġġetti tad-data qed tingħibed għall-informazzjoni li ġejja f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.

Il-bażiżiet ġuridiċi għal din l-operazzjoni ta' pproċessar huma d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 <sup>(2)</sup>, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1721 <sup>(3)</sup>, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 <sup>(4)</sup>, kif implementat bir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1717 <sup>(5)</sup>.

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar huwa d-Dipartiment RELEX.1.C fid-Direttorat-Ġenerali għall-Affarijiet Barranin, Tkabbir u Protezzjoni Ċivil - RELEX fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SġK), li jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Council of the European Union  
General Secretariat  
RELEX.1.C  
Rue de la Loi/Wetstraat 175  
1048 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

Indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

L-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tas-SġK jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data

data.protection@consilium.europa.eu

L-iskop tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1721, u r-Regolament (UE) 2016/1686, kif implementat bir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1717.

Is-suġġetti tad-data huma l-persuni fiżiċċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar kif stabbiliti fid-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 u fir-Regolament (UE) 2016/1686.

Id-data personali miġbura tinkludi d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tajba tal-persuna kkonċernata, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u kwalunkwe data oħra relatata ma' dan.

Id-data personali miġbura tista' tiġi kondiċiā skont kif ikun meħtieġ mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data bħad-dritt għal accress, kif ukoll id-drittijiet għal rettifika jew għal oġġezzjoni ser jingħata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

Id-data personali ser tinżamm għal 5 snin mill-mument li s-suġġett tad-data jkun tnejha mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi jew il-validità tal-miżura tkun skadiet, jew sakemm idumu l-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbew.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ġudizzjarju, amministrattiv jew mhux ġudizzjarju, is-suġġetti tad-data jistgħu jressqu lment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 (edps@edps.europa.eu).

<sup>(1)</sup> ĠUL 295, 21.11.2018, p. 39.

<sup>(2)</sup> ĠUL 255, 21.9.2016, p. 25.

<sup>(3)</sup> ĠUL 262, 15.10.2019, p. 64.

<sup>(4)</sup> ĠUL 255, 21.9.2016, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠUL 262, 15.10.2019, p. 11.

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro (¹)****L-14 ta' Ottubru 2019**

(2019/C 349/04)

**1 euro =**

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1031	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4576
JPY	Yen Ġappuniż	119,40	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,6529
DKK	Krona Daniża	7,4689	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7529
GBP	Lira Sterlina	0,87983	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5103
SEK	Krona Żvediża	10,8523	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 307,06
CHF	Frank Żvizzeru	1,0983	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,3283
ISK	Krona Iżlandiża	138,10	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,7988
NOK	Krona Norveġiża	10,0463	HRK	Kuna Kroata	7,4315
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 586,80
CZK	Krona Ċeka	25,823	MYR	Ringgit Malażjan	4,6198
HUF	Forint Ungeriż	331,44	PHP	Peso Filippin	56,899
PLN	Zloty Pollakk	4,2931	RUB	Rouble Russu	70,8543
RON	Leu Rumen	4,7546	THB	Baht Tajlandiż	33,529
TRY	Lira Turka	6,5424	BRL	Real Brażiljan	4,5395
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6325	MXN	Peso Messikan	21,2983
			INR	Rupi Indjan	78,5245

<sup>(¹)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Avviż ta' informazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Modifika tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru skedati**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 349/05)

Stat Membru	Ir-Repubblika Ċeka
Rotta kkonċernata	Brno (ir-Repubblika Ċeka) – Munich (il-Ġermanja)
Data orīġinali tad-dħul fis-seħħi tal-obbligi tas-servizz pubbliku	fil-25 ta' Marzu 2018.
Data tad-dħul fis-seħħi tal-modifikati	fid-29 ta' Marzu 2020.
Indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu t-test, u kwalunkwe informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligu tas-servizz pubbliku	Għal aktar tagħrif jekk jogħġibok ikkuntattja lil: Jihomoravský kraj — Krajský úrad Žerotínovo nám. 449/3 601 82 Brno IR-REPUBBLIKA ĊEKA Tel. +420 541651338 Faks + 420 541651349 Email: megova.dana@kr-jihomoravsky.cz Sit web: www.kr-jihomoravsky.cz

**Avviż ta' informazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tal-ajru skedati skont l-obbligi tas-servizz pubbliku**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 349/06)

Stat Membru	Ir-Repubblika Ċeka
Rotot ikkonċernati	Brno (ir-Repubblika Ċeka) — Munich (il-Ġermanja)
Perjodu ta' validità tal-kuntratt	Bejn wieħed u ieħor mid-29 ta' Marzu 2020 sat-28 ta' Marzu 2024
Skadenza għas-sottomissjoni tal-offerti	fit-3 ta' Frar 2020.
L-indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu t-test tal-istedina tas-sejħa għall-offerti u kwalunkwe informazzjoni rilevanti u/ jew dokumentazzjoni marbuta mal-offerta pubblika u mal-obbligi tas-servizz pubbliku modifikati	Għal aktar tagħrif jekk jogħġibok ikkuntattja lil: Jihomoravský kraj — Krajský úřad Žerotínovo nám. 449/3 601 82 Brno IR-REPUBBLIKA ĊEKA Tel. +420 541651338 Fax +420 541651349 Email: megova.dana@kr-jihomoravsky.cz Sit web: www.kr-jihomoravsky.cz

**Avviż ta' informazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tal-ajru skedati skont l-obbligi tas-servizz pubbliku**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 349/07)

Stat Membru	L-Estonja
Rotta kkonċernata	Tallinn (TLL) — Kuressaare (URE)
Perjodu ta' validità tal-kuntratt	1 ta' April 2020–31 ta' Marzu 2024
Skadenza għas-sottomissjoni tal-offerti	L-1 ta' Frar 2020
L-indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu bla ħlas it-test tas-sejħa għall-offerti u kwalunkwe informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-offerta pubblika u mal-obbligu tas-servizz pubbliku	Iktar informazzjoni: L-Amministrazzjoni Estonjana tat-Toroq Riigihanġete talitus Teelise 4 10916, Tallinn EESTI/ESTONIA Tel. +372 6119300 Posta elettronika: INFO@MNT.EE Sit web: <a href="https://riigihanked.riik.ee/rhr-web/#/procurement/1602749/overview/activities">https://riigihanked.riik.ee/rhr-web/#/procurement/1602749/overview/activities</a> <a href="https://ted.europa.eu/udl?uri=TED:NOTICE:436203-2019:TEXT:EN:HTML&amp;tabId=0">https://ted.europa.eu/udl?uri=TED:NOTICE:436203-2019:TEXT:EN:HTML&amp;tabId=0</a>

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**L-istabbiliment ta' obbligi tas-servizz pubbliku rigward is-servizzi tal-ajru skedati**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(2019/C 349/08)**

Stat Membru	L-Estonja
Rotta kkonċernata	Tallinn (TLL) – Kuressaare (URE)
Data tad-dħul fis-seħħi tal-obbligi tas-servizz pubbliku	L-1 ta' April 2020
L-indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu bla ħlas it-test u kwal-lunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni oħra marbuta mal-obbligu tas-servizz pubbliku	Iktar informazzjoni: L-Amministrazzjoni Estonjana tat-Toroq Riigihangele talitus Teelise 4 10916, Tallinn EESTI/ESTONIA Tel. +372 6119300 Posta elettronika: INFO@MNT.EE Sit web: <a href="https://riigihanked.riik.ee/rhr-web/#/procurement/1602749/overview/activities">https://riigihanked.riik.ee/rhr-web/#/procurement/1602749/overview/activities</a> <a href="https://ted.europa.eu/udl?uri=TED:NOTICE:436203-2019:TEXT:EN:HTML&amp;tabId=0">https://ted.europa.eu/udl?uri=TED:NOTICE:436203-2019:TEXT:EN:HTML&amp;tabId=0</a>

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## SEJĦA GĦAL PROPOSTI – EACEA 33/2019

TAĦT IL-PROGRAMM Erasmus+

KA3 – Appoġġ għar-Riforma Politika

Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali

(2019/C 349/09)

**1. Objettiv**

L-objettiv ġenerali tas-sejħa huwa li jiġu appoġġjati l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' pjattaformi ta' kooperazzjoni transnazzjonali ta' Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVEs) għall-konnessjoni ta' Ċentri li joperaw f'kuntest lokali partikolari fil-livell Ewropew.

Il-pjattaformi ta' kooperazzjoni transnazzjonali se jgħaqqu flimkien CoVEs li:

- Jikkondividu interess komuni fsetturi jew negozji speċifiċi (eż. l-ajrunawtika, l-elettromobbiltà, il-kura tas-saħħha, it-turiżmu, eċċ.), jew
- Flimkien jiżviluppaw approċċi innovattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali, teknoloġiċi u ekonomiċi (eż. it-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni, l-intellegenza artifiċjali, l-għanijiet ta' żvilupp sosteniibbli, l-integrazzjoni tal-migrant, l-appoġġ lill-istudenti b'diżabbiltà/bi bżonnijiet speċjalisti, it-titjib tal-ħiliet ta' nies b'livell baxx ta' ħiliet u/jew livelli ta' kwalifikati baxxi, eċċ.).

Il-pjattaformi se joħolqu punti ta' referenza ta' klassi dinjija għat-taħriġ vokazzjonali. Dawn se jkunu inklużivi u jew jgħaqqu flimkien il-CoVEs eżistenti f'pajjiżi differenti, jew jespandu l-mudell billi jorbtu l-CoVEs stabbiliti sew f'pajjiż wieħed ma' sħab f'pajjiżi oħra, li beħsiebhom jiżviluppaw CoVEs fl-ekosistema lokali tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxu għal "konverġenza l-fuq" tal-ċċellenza tal-ETV.

Il-CoVEs se jadottaw approċċ minn isfel għal fuq għal eċċellenza fejn l-istituzzjonijiet tal-ETV huma kapaċi jadattaw malajr il-provvista ta' ħiliet għal htigħiġiet lokali li qed jevolvu. Huma għandhom l-għan li jgħaqqu flimkien sett ta' sħab lokali/regionali bħall-fornejti tal-ETV inizjali u kontinwi, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja, inklużi universitajiet tax-xjenza applikati u politekniċi, istituzzjonijiet tar-riċċerka, parks tax-xjenza, kumpaniji, intrapriżi soċjali, kmamar u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, sħab soċjali, kunsilli settorjali tal-ħiliet, assoċjazzjonijiet professjonali/settorjali, awtoritajiet nazzjonali u reġjonal u aġenziji tal-iżvilupp, servizzi pubbliċi tal-impieg, eċċ.

Il-proġetti jridu jipprovdu evidenza li għandhom l-għan li:

- Jistabbilixxu relazzjonijiet b'saħħithom u dejjima kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak transnazzjonali, bejn il-komunità tal-ETV u n-negozji, fejn l-interazzjonijiet huma reċiproki u ta' beneficiju reċiproku, u
- Jintegraw attivitajiet, jibnu relazzjonijiet riflessivi bejn l-attivitajiet u s-servizzi varji, u
- Ikunu ankrati sew f'oqfsa usa' ta' strategi ta' żvilupp regionali, ta' innovazzjoni u/jew ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. Dawn jistgħu jkunu jew strategi eżistenti (li għandhom jiġu identifikati b'mod ċar) jew li qed jiġu żviluppati fil-kuntest tal-proġett (li jiddeskrivi kif il-proġett jikkontribwixxi għal dawk l-istrateġi).

## 2. Sħubijiet

Is-ħubija għandha tinkludi mill-anqas tmien sħab sħaħ minn minimu ta' erba' pajjiżi tal-Programm Erasmus+ (inklużi mill-anqas żewġ Stati Membri tal-Unjoni Ewropea).

Kull pajjiż għandu jinvolvi:

- (a) mill-anqas kumpanija waħda, rappreżentanti tal-industrija jew tas-settur (eż. kmamar jew assoċjazzjonijiet tan-negozju), u
- b) mill-anqas fornitur wieħed tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (fil-livell sekondarju u/jew terzjarju (¹)).

Wieħed mis-sħab hawn fuq sejkun l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni, li tapplika għall-għotja ta' Erasmus+ f'isem is-sħubija.

Il-kompożizzjoni ulterjuri tas-ħubija jenħtieġ li tirrifletti n-natura speċifika tal-proposta.

Il-pajjiżi tal-Programm Erasmus+ huma dawn li ġejjin:

- It-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea: L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Čipru, ir-Repubblika Čeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franzja, il-Ġermanja, il-Grecja, l-Ungaria, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvejza, ir-Renju Unit (²);
- Il-pajjiżi tal-Programm li mhumiex fl-UE: L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, it-Turkija.

Organizzazzjonijiet mill-Programm Erasmus+ u/jew Pajjiżi sħab (³) jistgħu jkunu sħab assoċjati, sal-punt li jintwera li l-parċeċċapazzjoni tagħhom iġġib valur miżjud lill-CoVE. Għal kwistjonijiet ta' ġestjoni kuntrattwali, is-sħab assoċjati, li jkunu minn Pajjiżi tal-Programm jew minn Pajjiżi Sħab, mhumiex meqjusa bħala parti mis-sħab tal-proġett, u ma jirċivux finanzjament. Madankollu, l-involvement u r-rwol tagħhom fil-proġett u f'attivitajiet differenti għandhom jiġu deskritti b'mod ċar.

## 3. Attivitajiet

L-attivitajiet iridu jibdew fl-1 ta' Ottubru 2020 jew fl-1 ta' Novembru 2020. Il-proġetti jdumu 4 snin.

Iċ-ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali huma kkaratterizzati bl-adozzjoni ta' approċċ sistemiku li permezz tiegħu l-istituzzjonijiet tal-ETV jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ħolqien konġunt ta' ekosistemi tal-ħiliet, flimkien ma' firxa wiesgħa ta' sħab lokali/reġionali oħra. Il-CoVEs huma mistennija li jmorru ferm lil hinn mis-sempliċi provvista ta' kwalifikata vokazzjonali ta' kwalità.

Il-karakteristiċi li jikkaratterizzaw il-CoVEs jinkludu sett ta' attivitajiet mięgbura fi tliet raggruppamenti (ara t-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida tal-Applikanti).

Il-proġett irid jinkludi riżultati tanġibbli rilevanti marbuta ma':

- mill-anqas 3 attivitajiet relatati mar-Raggruppament 1 — Tagħlim u apprendiment, u
- mill-anqas 3 attivitajiet relatati mar-Raggruppament 2 — Kooperazzjoni u sħubija, u
- mill-anqas 2 attivitajiet relatati mar-Raggruppament 3 — Governanza u finanzjament.

Il-lista mhijiex eżawrjenti, u l-applikanti jistgħu jinkludu attivitajiet oħra. Madankollu, dawn għandhom juru li huma partikolarm xierqa biex jissodisfaw l-objettivi tas-sejħa u l-htigġijet identifikati, u jridu jitqiesu u jiġu ppreżentati bħala parti minn sett ta' attivitajiet koerenti.

Huwa meħtieġ li l-proġetti jaapplikaw strumenti u għodod madwar l-UE kollha meta jkunu rilevanti.

(¹) Madanakollu, l-applikazzjonijiet ma jistgħux jinkludu biss attivitajiet immirati esklusivament għal studenti fil-livell terzjarju; applikazzjonijiet li jiffukaw fuq l-ETV fil-livell 6 sa 8 tal-QEK iridu jinkludu mill-anqas livell ta' kwalifikasi tal-ETV ieħor bejn il-livelli 3 sa 5 tal-QEK.

(²) Għall-applikanti Brittaniċi: Jekk jogħġibok kun af li jrid ikun hemm konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà għad-durata kollha tal-għotja. Jekk ir-Renju Unit joħroġ mill-UE matul il-perjodu tal-għotja mingħajr ma jikkonkludi ftehim mal-UE li jiżgura b'mod partikolari li l-applikanti Brittaniċi jibqgħu eliġibbli, inti se tieqaf tirċievi finanzjament mill-UE (filwaqt li, sa fejn ikun possibbli, tkompli tipparteċipa) jew tintalab thallil l-proġett fuq il-bażi tal-Artikolu II.17.3.1(a) tal-ftehim ta' għotja.

(³) Il-pajjiżi Sħab ta' Erasmus+ huma elenkti fil-Linji Gwida tal-Applikanti taħbi it-Taqsima 6.2.

Jenħtieġ li huma jimmiraw ukoll li jadottaw dimensjoni inklużiva, billi jinkludu azzjonijiet li jgħinu biex tiġi indirizzata diversità u jippromwovu – b'mod partikolari permezz ta' approċċi innovattivi u integrati – is-sjeda ta' valuri kondiviżi, l-ugwaljanza, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u n-nondiskriminazzjoni u l-inklużjoni soċjali, inkluż għal persuni bi bżonnijiet speċjali/b'anqas opportunitajiet.

Se jkun hemm enfasi partikolari fuq il-ħiliet diġitali peress li qed isiru dejjem aktar importanti fuq il-profil kollha tal-impijegi fis-suq tax-xogħol kollu, kif ukoll fuq il-ħiliet biex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari u aktar ekoloġika biex jintlaħqu l-htiġiġiet professjonal iemerġenti għall-ħiliet ekoloġiċi u l-iżvilupp sostenibbli.

L-applikazzjonijiet iridu jinkludu pjani ta' azzjoni fit-tul għall-implimentazzjoni progressiva tar-riżultati tal-proġett wara li l-proġett ikun lest. Dan il-pjan għandu jkun ibbażat fuq shubji sostnuti bejn il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-partijiet ikkonċernati tal-industria ewleni fil-livell xieraq. Dan jenħtieġ li jinkludi l-identifikazzjoni tal-istrutturi ta' governanza xierqa, kif ukoll pjanijjiet għall-iskalabbiltà u s-sostenibbiltà finanzjarja. Jenħtieġ li jiżgura wkoll il-viżibbiltà xierqa u t-tixrid wiesa' tal-ħidma tal-pjattaformi.

L-attivitajiet iridu jsiru f'pajjiżi tal-Programm Erasmus+.

#### **4. Kriterji għall-għoti**

L-applikazzjonijiet eliġibbli se jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

1. Ir-rilevanza tal-proġett (massimu 35 punt – Livell limitu: minimu ta' 18-il punt);
2. Il-kwalitā tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett (Massimu 25 punt – Livell limitu: minimu ta' 13-il punt);
3. Il-kwalitā tal-konsorzu tal-proġett u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni (Massimu 20 punt – Livell limitu: minimu ta' 11-il punt);
4. L-impatt u t-tixrid (Massimu ta' 20 punt – Livell limitu: minimu ta' 11-il punt).

Sabien jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, l-applikazzjonijiet iridu jgħibu punteġġ ta' mill-anqas 70 punt (minn total ta' 100 punt), filwaqt li jitqies ukoll il-livell limitu minimu meħtieġ għal kull wieħed mill-erba' kriterji għall-għoti.

#### **5. Baġit**

Il-baġit totali assenjat għall-kofinanzjament ta' proġetti huwa stmat għal massimu ta' EUR 20 miljun. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE ma tistax taqbeż it-80 % tal-ispejjeż tal-azzjonijiet totali eliġibbli.

L-għotja massima tal-UE għal kull proġett hija ta' EUR 4 miljun.

L-Аġenzija tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

#### **6. Data ta' skadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-20 ta' Frar 2020, 17:00 (ħin ta' Brussell), bl-użu tal-formola tal-applikazzjoni uffiċjali korretta (Formola elettronika) u abbozzati fwaħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

#### **7. Id-dettalji kollha**

Il-Linji Gwida tal-Applicant flimkien mal-Formola Elettronika ta' applikazzjoni jinsabu fl-indirizz tal-Internet li ġej: [https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/ka3-centres-of-vocational-excellence\\_en](https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/ka3-centres-of-vocational-excellence_en)

L-applikazzjonijiet **iridu** jkunu konformi mat-termini kollha tal-Linji Gwida.





ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgo  
IL-LUSSEMBURGU

